MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2870/2002

**Avviz Numru 2870/02 AJD**
**Paul & Rocco (Marsa) Limited**

**vs**

**Carmelo Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u sbatax il-lira Maltin u disa' centezmi (Lm217.09) rappresentanti import ta' tlett kambjai, wahda ta' Lm17.09 u tnejn ta' Lm100.00 il-wahda debitament acettati u skaduti minn Dicembru 1999 sa Frar 2000 rispettivament u mhux imhallsa.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Mary Grace Debono Roberts in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u sbatax il-lira Maltin u disa’ centezmi (Lm217.09), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------